A.L. 25 ta' l-1989

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-'INCOME'
(KAP. 123)

Regoli ta' l-1989 li jemendaw ir-Regoli dwar Tnaqqis ta' Taxxa (P.A.Y.E.)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 55 u bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 94 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regoli jistgħu jissejħu r-Regoli ta' l-1989 li jemendaw ir-Regoli dwar Tnaqqis ta' Taxxa (P.A.Y.E.) u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli ta' l-1972 dwar Tnaqqis ta' Taxxa (P.A.Y.E.), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali". A.L. 79 ta' l-1972.

(2) Dawn ir-regoli għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1989.

Jemenda r-regola 4 tar-regoli prinċipali.

2. Minflok il-proviso li hemm mal-paragrafu (1) tar-regola 4 tar-regoli prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Iżda ma għandu jsir ebda tnaqqis minn xi pagament li għalih jirreferu l-artikolu 29 ta' l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, u l-Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-1988 dwar *Allowance* fil-Ġimgħa, sakemm il-Kummissarju ma jordnax xort'oħra.". Kap. 135. A.L. 112 ta' l-1988.